Minuti tat-tmienja u għoxrin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| Kunsilliera | Joseph Bajada |
| | Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

1324 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru 27 li saret fit-30 ta' Jannar 2010.

**Item 2 Mill-Minuti**

1325 (*para. 1297*) Rigward il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat, il-Kunsill flimkien mal-Kunsilli Lokali l-oħra għadhom ma ffirmawx il-kuntratt meta s-servizz ġa beda u qed nistennew biex jiġi ffirmat.

1326 (*para.1299)* Dwar l-ilment tal-binja abbandunata fi Triq l-Ikxbiex li għandha t-twieqi perikolużi, is-sid tal-post qal li ser jieħu ħsieb tal-periklu li hemm.

1327 *(para. 1300)* Rigward it-Triq Sannat, ser issir laqgħa mal-Ministru għal Għawdex nhar il-Gimgħa, 18 ta' Frar 2011 fit-3.00 ta' wara nofs inhar. L-aġenda għandha tkun Triq Sannat u Triq Bardan.

*1328* *(para. 1302)* Rigward il-fanali tal-Pjazza Santa Margerita, Galea Curmi Consultants għadu ma bagħatx l-istima tal-RCV's.

1329 (para. 1306) Rigward il-linja diviżorja tal-art tal-Kunsill l-ġdid ma' John Grima għandu jerġa' jintalab appuntament mas-Sur Mamo, Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jitħaffef il-każ.

1330 (para. 1311) Memo 8/2011mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward emenda għal Memo 122/2010 dwar ikliet/riċevimenti mill-Kunsill Lokali.

SANNAT

1331 *(para.1320)* Notte Scarlata dati għad ma hemmx deċiżjoni finali. Dwar il-pulizija tal-klieb kif ukoll il-banda tal-pulizija fl-attivita' Notte Scarlata, il-Kunsill għandu l-ewwel jara xi spejjeż ser ikun hemm biex dawn jinġabu.

1332 *(para. 1322)* Rigward il-bozza ġdida fi Triq Gerxija faċċata ta' trejqa żgħira mhux possibbli li din issir mal-bini u għanda teħel ma' arblu li hemm fil-qrib.

1333 *(para. 1283)* Il-laqgħa tal-lokalita' saret kif kien previst nhar it-Tnejn, 31 ta' Jannar 2011. Attendenza mill-pubbliku għal laqgħa ma kienx hemm.

**Item 3. Korrispondenza**

1334 Memo 9/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-risponsabilta' ta' libreriji Lokali.

1335 Memo 9102011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari dwar liema huma l-Kunsilli Lokali li ħadu fondi fuq l-attivitajiet kulturali mill-Unjoni Europea.

1336 Fit-2 ta' Marzu 2011 fid-9.25 a.m. ser jiġi d-Direttur il-ġdid tal-Kunsill Lokali sabiex jiltaqa' mal-impjegati u s-Segretarji tal-Kunsilli Lokali.

1337 Ittra risposta mill-Policy coordinator tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Sannat kienet minn tal-aħħar u għalhekk għandna nistennew sa l-aħħar ta' April 2011.

1338 Ittra mill-Paying Agency tal-MRRA fejn qalu li waslu fi ftehim mal-MFEI fejn l-MRRA ser jagħmlu tajjeb għal ispejjeż kollha tal-proġetti 323 u 313. Is-Sindku qal li hu ġie avviċinat minn xi nies li qalulu li parti mill-ħajt ta' Saguna ġej fil-proprejta' tagħhom u huma ma jridux li dan il-ħajt isir u oġġezzjonaw mal-MEPA.

1339 Waslet applikazzjoni mill-MTA dwar l-parteċipazzjoni European Destination of Excellence.

1340 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward informazzjoni dwar l-iżvilupp tal-laqgħat tas-Sindki.

1341 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Proġett SHARP.

1342 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ittra mibgħuta lilhom mill-Minsteru Għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward Earth Hour 2011.

1343 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar iċ-citazzjonijiet li jitħallsu fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali. Dwar dan ser ikun hemm tariffa amministrattiva li tapplika għal kull ċitazzjoni u li għandha tmur għand il-Kunsill fejn titħallas.

1344 Il-Community Work Scheme approvat il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema barra dik ta' Antoine Mercieca li t-tieħed f'kunsill ieħor.

1345 Ittra mill-Kumitat Reġjonali li l-laqgħa ser issir nhar il-Gimgħa, 25 ta' Frar fis-sala tal-Kunsill Lokali Rabat, Għawdex

SANNAT

1346 Transport Malta talbet rapport għal talba ta' Reserve Parking għas-Sinjura Giuseppa Said ta' 4, Triq il-Kbira. Hawnhekk tqajjem il-punt li din hi mitluba biex tkun għal persuna partikulari. Il-Kunsill qabel li tintalab Disabled Parking u tkun tintuża minn kulħadd.

1347 Talba mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija, Ray G. Zammit sabiex isiru diversi laqgħat li jissarfu ta' tagħlim billi jingħataw pariri siewja, kif ukoll direzzjoni ta' x'wieħed għandu jagħmel meta jiffaċċja diffikultajiet diversi.

1348 Talba mill-Bird Breeders Society sabiex il-Kunsill jisponsorja €50 sabiex dak il-membru tal-lokalita' li jdaħħal l-akbar ammont ta' għasafar jingħata Trophy. Din ġiet approvata.

1349 Ittra mingħand Dr. Chris Said dwar il-bini ta' mina taħt il-baħar.

1350 Ġiet applikazzjoni tal-Premju Nazzareno Vassallo *Award for initiative in Elder Care*. Sa 7 ta' Marzu.

**Item 4 Il-Karnival**

1351 Rigward il-Karnival id-diskussjoni tħalliet għal laqgħa oħra li ser issir apposta nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar 2011. Ser jintalbu kwotazzjonijiet għas-sound. Minn jixħet l-kwotazzjoni jrid ikollu l-assigurazzjoni.

**Item 5. Approvazzjoni tal-Financial Statements**

1352 Ġew approvati l-financial statements għas-sena 2010.

**Item 6. Kwotazzjonijiet ta' Drenaġġ**

1353 Għax-xogħol ta' konnessjoni ta' drenaġġ tal-uffiċini l-ġodda tal-Kunsill inxeħtu ħames kwotazzjonijiet li kienu:

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Ammont** |
|---|---|---|
| 1. | Emanuel Buhagiar | **€** 599 |
| 2. | Simon Sultana | **€** 728 |
| 3. | Sunny Vella | **€** 996 |
| 4. | Pius Attard | € 843 |
| 5. | Joe Grima | €1,498 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Emanuel Buhagiar li kienet l-irħas waħda. Dawn il-kwotazzjonijiet inxeħtu fuq konnessjoni ta' drenaġġ wieħed meta fil-fatt hemm tnejn.

**Item 7. Materja Oħra**

1354 Fi Triq Dun Xand Aquilina saret ħsara kbira fil-cable tal-EneMalta u għalqu t-triq. Il-kuntrattur kisser wiċċ it-triq mingħajr l-anqas biss sar il-permess għaliex qalu li kienet urġenti. Il-perit għandu jagħmel rapport u jibagħtu lill-kuntrattur u lill-Enemalta sabiex it-triq tiġi rranġata għal istat li kienet kemm jista' jkun malajr u skond in-normi tal-Transport Malta.

1355 Għal din il-laqgħa ġie Mario Gatt, wieħed mid-Diretturi ta' Gatt Tarmac Ltd. biex ikellem lill-Kunsill dwar il-kontijiet pendenti tiegħu tat-tarmak ta' Triq il-Blat u Triq Vinċenzo Caruana Spiteri. Il-kuntrattur qal li dawn il-kontijiet ilhom ħames snin pendenti. Is-Segretarju tal-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu d-dmir tiegħu li jffakkar lill-Kunsill, li l-Kunsill ta' qabel kien approva u ordna kisja waħda biss ta' tarmak fi Triq il-Blat, Triq Vincenzo Caruana Spiteri u Triq Falkun u fil-fatt dan it-tarmak ta' żewġ kisjiet ingħata fil-leġislatura ta' dan il-Kunsill madwar sena u nofs ilu. Xi Kunsilliera saqsew lill-kuntrattur biex jgħid min kien li taħ ordni biex jagħti t-tieni kisja tarmak li ma kinetx approvata mill-Kunsill ta' qabel. Hu rrisponda li ma riedx jgħid minn kien li ordna t-tieni kisja tat-tarmak għaliex sigriet professjonali. Il-Kunsill approva li l-ħlas isir taż-żewġ kisjiet fi Triq il-Balt u Triq Vincenzo Caruana Spiteri minkejja li ma kinetx approvata t-tieni kisja. Dan għandu jsir biss meta l-istess kuntrattur jirranġa l-parti tat-Triq Santa Marija fejn qed iżomm l-ilma tax-xita għal dawn l-aħħar sebgħa snin, minn meta saret, minkejja li l-perit kontinwament ġibidlu l-attenzjoni biex jirranġa t-triq. Hu qal li din ser tiġi rranġata. Ix-xogħol ta' żewġ kisjiet għandu jitkejjel mill-perit u skond l-ispecifikazjoniet tat-tender. Is-Segretarju qal li fil-kont ta' Triq Vincenzo Caruana Spiteri hemm id-doppju tal-*wetmix* ta' dak li kien ordnat. Is-Segretarju ddikjara li hu ma jerfax ir-responsabilta' ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar dawn il-kontijiet.

1356 Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-kuntratt ta' Rita Spiteri il-Cleaner tal-Kunsill għal sena oħra. Il-Kunsill għandu jżid is-siegħat tal-*cleaner* meta jmur fl-uffiċċini l-ġodda.

1357 Joseph Magro ingħata *direct order* sabiex jagħmel il-patching tal-ħofor ta' toroq li huma perikolużi fil-lokalita'. Dan ma għandux jaqbeż il-€1,165.

1358 Saret l-laqgħa mill-Bord tal-Istandards tal-Awtorita' Maltija dwar l-istandards (MSA) dwar l-immaniġġjar u s-sigurta' fil-playing fields. Ser jibdew isiru spezzjonijiet fuq bażi regolari biex tkun assigurata s-sigurta' tal-playgrounds li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Kunsilli Lokali. Ser tkun r-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali li jassiguraw li n-nuqqasijiet indikati fir-rapport jiġu ndirizzati. Sar qbil li l-flus tal-UIF li hemm disponibbli jintużaw għal titjib fil-Playing field ta' Triq Sannat bħal fanali, tapiti, apparat u titjib ieħor. Il-perit għandu jitqabbad jara x'jista' jsir u jagħmel l-applikazzjoni għand il-MEPA. Il-Kunsill irid jaħtar lil xi ħadd li jkun jieħu ħsieb li jsiru l-ispezzjonijiet tal-post u jara li jkun fi stat tajjeb. Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żagħżagħ nieda kompetizzjoni għall-aħjar tliet proġetti tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ. F'laqgħa li saret għall-Kunsilli taż-Żgħażagħ ta' Sannat ipproponew li ssir proposta li jiġi rranġat il-playing field bħala parti mill-kompetizzjoni.

1359 Il-Kunsill approva li jsiru tabelli tal-perspects sabiex is-sidien tal-klieb iżommu nadif fit-toroq. Dawn għandhom jiġu ordnati għand Gozo Creations.

SANNAT

**Item 8. Ilmenti**

1360 Mrs. L. Cox, 7 Triq il-Gruwa tablet biex issir bankina mad-dar tagħha. Għandha ssir talba lil Customer Care Unit għaliex ma hemmx bankina.

1361 Chris Johnson, Ta' Tonina, 110, Triq il-Kbira biex jingħata ftit siment għaliex il-bankina tiela' l-ħaxix.

1362 Josephine Camilleri, 171, Triq il-Kbira qalet li quddiem id-dar tagħha mill-bieb sal-kantuniera qed iżomm l-ilma tax-xita. Hi talbet sabiex isir kanal zgħir sabiex l-ilma jkun jista' jinżel għal Triq l-20 ta' Lulju għaliex qed jittajjar l-ilma għal bieb tagħha u anke jidħol ġewwa. Il-Kunsill approva li din s-sitwazzjoni tiġi rimedjata.

1363 Erminia McGoey, 88 Triq il-Kbira tablet sabiex issir tiswija taħt il-bankina.

1364 Francine Grech, St. Rita, Triq Xabbata tablet biex tiġi rranġata t-tarf tal-bankina.

1365 Anthony Mercieca ippropona biex tiġi ppeċjata t-Triq l-20 ta' Lulju.

1366 Mrs. Dorothy Micallef, (Ta' Xamgħan) Plot 38, Vincenzo Caruana talbet biex ssir bankina mal-post tagħha. Għandha ssir talba lil *Customer Care Unit* għaliex hemm hekk ma hemmx bankina.

1367 Il-Kunsill ħalli l-approvazzjoni tal-Budget għal laqgħa oħra.

**Item 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

1368 Ġew approvati l-pagamenti skond skeda numru 13 li hi annessa mal-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011 fis-7.00 ta' filgħaxija.

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT

# Kunsill Lokali Ta' Sannat

***SKEDA TA' PAGAMENTI NUMRU 13***

Perijodu sat- Tlieta, 15 ta' Frar 2011

| | Ħlas lil | Deskrizzjoni | Ammont € |
|---|---|---|---|
| | Director of Information | Avviż - Laqgħa Annwali tal-Lokalita' 31.1.2011 | 9.32 |
| | Segrearju Eżekuttiv | Salarju u bonus Diċembru 2010 | 1548.38 |
| | Assistent Prinċipal | Salarju u bonus Diċembru 2010 | 1258.58 |
| | Skirvana | Salarju u bonus Diċembru 2010 | 494.61 |
| | C.I.R. | Paye u N.I. Diċembru 2010 | 2381.16 |
| | Director of Information | Avviż - Tender 01/2011 Restawr fil-ħitan tas-sejjieħ Ta' Saguna | 9.32 |
| | Segretarju Permanenti | Avviż - Tender 01/2011 Restawr fil-ħitan tas-sejjieħ Ta' Saguna | 87.50 |
| | Segretarju Eżekuttiv | Salarju Jannar 2011 u Performance Bonus (2010) | 2874.95 |
| | Assistent Prinċipal | Salarju Jannar 2011 u Performance Bonus (2010) | 1810.41 |
| | Skirvana | Salarju Jannar 2011 u Performance Bonus (2010) | 453.47 |
| | Sindku | Honorarja tas-Sindku Jannar 2011 | 424.33 |
| | C.I.R. | Paye u N.I. Jannar 2010 | 2417.30 |
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Diċembru 2010 | 206.83 |
| | Soċjeta Mużikali Sta. Margerita | Tindif u Manutensjoni tal-Latrina Pubblika 21.11.2010 sa 20.12.2010 | 134.66 |
| | Office Needs | 5 kaxxi karti A4 | 100.00 |
| | Lands Department | Kiri ta' l-art ta' l-uffiċċju l-gdid | 778.01 |
| | Galea Curmi Engineering Cons. | Contract manager fee Jannar 2011 | 38.76 |
| | Gozo Bird Breeders Society | Wirja anwali – Trophy Parteċipant minn Sannat | 50.00 |
| | Sannat Lions F.C. | Tindif ta' Toroq Urbani Jannar 2011 | 595.24 |
| | Soċjeta Mużikali Sta. Margerita | Tindif u Manutensjoni tal-Latrina pubblika 21.12.2010 sa 20.1.2011 | 134.66 |
| | MITA | Email accounts minn Ottubru – Diċembru 2010 | 19.92 |
| | Richard Cauchi | Tiswija fil-lampi tat-toroq - Diċembru 2010 | 935.64 |
| | B.C.D. Graphics Ltd. | Busness Cards tas-Sindku | 82.45 |
| | Galea Curmi Engineering Cons. | Form A għal bozzoz ġodda | 109.93 |
| | Claudio Cauchi | 2 serraturi tal-bieb ta' l-għassa u ta' l-uffiċċju rrangar fil-bieba gallerija | 135.00 |
| | G4S Securtity Services (Malta) Ltd. | Cash transit Jannar 2011 | 7.61 |
| | K.I.P. Għawdex Ltd. | Ġbir ta' skart Domestiku u bins on wheels Jannar 2011 | 1686.71 |
| | Galea Curmi Engineering Cons. | Superviżjoni fuq il-panneli photovoltaniċi | 196.82 |
| | G&R Supermarket | 400 kaxxa gallettini rigal tal-Milied għall-Anzjani | 800.00 |
| | G&R Supermarket | 144 sweet bags għat-tfal wara l-ħarħa tal-Milied | 144.00 |
| | Josephine Galea | Servizz ta' librara Jannar 2011 | 70.32 |
| | Emanuel Curmi | Żbir ta' siġar tal-ficus fi Triq il-Kbira | 35.00 |
| | Gozo Express Services | Servizz ta' kurrier f'Malta | 24.78 |
| | Acc. Public Cleansing Sec. | Bulky refuse għal Jannar 2011 | 34.22 |
| | Go p.l.c. | Telefons u fax Jannar 2011 | 187.63 |
| | WasteServ Malta Ltd. | Tbattil fil-Landfill Deċembru 2010 | 994.98 |
| | TOTAL | € | 21,272.50 |



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535